MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL GHAT-TALBIET IZ-ZGHAR

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 67/1998/1

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**J.T.E. Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. Fit-23 ta' Frar 1998 l-appellant intavola talba kontra s-socjeta' appellata quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' Lm85.00. Din il-kawza giet deciza fit-30 ta' Gunju 1998 u minnha appella l-Kontrollur tad-Dwana.

2. B’ sentenza ta’ l-1 ta’ Gunju 2000, din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tas-socjeta’ appellata dwar il-privileguim fori bl-ispejjez kontriha.

3. Fis-seduta tat-30 ta’ Marzu 2002, l-appellat irrileva li skond avviz legali numru 40 tas-sena 2001 gie fis-sehh l-artikolu 3, sub-artiklu A2 li emenda l-artikolu 41 (7) tal-Kap 12 u li ghaldaqstant issa dan l-appell kellu jinstema’ fl-edificcju tal-Qorti ta’ Ghawdex.

4. Dan li gej huwa provvediment dwar il-punt sollevat mis-socjeta’ appellata u li dwaru hemm risposta oppozitorja mill-kontroparti appellanti kif kontenuta fin-nota taghha li giet ipprezentata fl-24 ta’ April 2001.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. Illi wara li qieset il-punt sollevat mill-appellat u l-opposizzjoni tal-kontroparti appellanti, din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm huwa minnu li fil-mori gew fis-sehh l-emendi msemmija mis-socjeta’ appellata intizi maggorment biex ikun hemm izjed konvenjenza ghall-parti konvenuta li tkun tirrisjedi fil-gzira ta’ Ghawdex, madankollu tali emendi jridu jinqraw u jittiehdu integralment u flimkien ma’ l-emendi kollha li gew fis-sehh. Dan l-ezercizzju isir aktar mehtieg u pertinenti meta bhal fil-kaz in ezami dik l-emenda tkun giet proprju mqeghda fil-ligi biex tkopri atti jew sitwazzjonijiet tranzitorji. Dan kollu qieghed jigi rilevat il-ghaliex kif gie gustament rilevat mill-appellent l-artiklu 35 ta’ l-Att VI ta’ l-2001 li gie fis-sehh permezz ta’ l-istess Avviz Legali emess fl-1 ta’ Marzu 2000 jipprovdi kif gej,

“Kull Qorti jew Tribunal li kellha kompetenza li tisma’ u taqta’ xi kawza qabel id-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att ghandha ma’ dak id-dhul fis-sehh izzomm dik il-kompetenza dwar kawzi li jkunu nbdew quddiemha qabel id-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att”.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemm xejn x’josta milli dan l-appell jibqa’ jinstema’ quddiem din il-Qorti fil-bini tal-Qrati ta’ Malta u dan ghaliex l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-karti appellata hija infondata;

Ghaldaqstant, filwaqt li tiddeciedi billi tirrespingi l-punt eccepit mis-socjeta’ appellata bl-ispejjez kontriha, tordna bil-prosegwiment ta’ dan l-appell billi tiddifferieh ghat-trattazzjoni fil-meritu.

Dep/Reg
d/f